II

(Atti li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)

KUMMISSJONI

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Mejju 2006

dwar l-estensjoni tar-rikonoxximent limitat tal-Hellenic Register of Shipping lir-Repubblika ta' Malta

(Innotifikata fid-dokument bin-numru C(2006)1990)

(It-test bil-Malti biss huwa awtentiku)

Test b'rilevanza għaż-ŻEE

(2006/382/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 94/57/KE tat-22 ta' Novembru 1994 dwar ir-regoli u l-istandards komuni għall-ispezzjoni tal-bastimenti u l-organizzazzjonijiet tal-perizji u għall-attivitajiet rilevanti ta' l-amministrazzjoniet marittimi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tagħha,

Wara li kkunsidrat l-ittra ta' l-awtoritajiet Maltin, bid-data tal-15 ta' Settembru 2004, li talbet l-estensjoni għal Malta tar-rikonoxximent limitat tal-Hellenic Register of Shipping (minn hawn 'il quddiem "*HRS*"), mogħti skond l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 94/57/KE,

Billi:

(1) Ir-rikonoxximent limitat imsemmi fl-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 94/57/KE jingħata lill-organizzazzjonijiet imsejħa "soċjetajiet tal-klassifika" li jissodisfaw il-kriterji kollha ta' l-Anness tad-Direttiva għajr dawk li huma stipulati fil-punti 2 u 3 tas-sezzjoni A (Ġenerali), iżda huwa limitat fiż-żmien u fl-ambitu tiegħu biex iħalli lill-organizzazzjonijiet ikkonċernati jiksbu aktar esperjenza.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/890/KE [2] tat lill-*HRS* ir-rikonoxximent mitlub mill-Greċja skond l-Artikolu 4(3) tad-Direttiva. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/623/KE [3] estendiet dan ir-rikonoxximent għal perjodu ta' tliet snin b'bidu mit-3 ta' Awissu 2005, b'effetti limitati għal Greċja u għal Ċipru.

(3) Il-Kummissjoni, flimkien ma' l-awtoritajiet marittimi Maltin, ivverifikat li l-*HRS* kienet tissodisfa l-kriterji kollha ta' l-Anness tad-Direttiva 94/57/KE għajr dawk li huma stipulati fil-punti 2 u 3 tas-sezzjoni A (Ġenerali) tad-Direttiva msemmija. Barra minn hekk, l-*HRS* obbligat ruħha li tfittex tilħaq l-għan li twassal il-prestazzjonijiet tagħha għall-medja ta' l-organizzazzjonijiet rikonoxxuti.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat *COSS* stabbilit skond l-Artikolu 7 tad-Direttiva 94/57/KE.

[1] ĠU L 319, tat-12.12.1994, p. 20. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/84/KE (ĠU L 324, tad-29.11.2002, p. 53).

[2] ĠU L 329 ta' l-14.12.2001, p. 72.

[3] ĠU L 219 ta' l-24.8.2005, p. 43.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-effetti tar-rikonoxximent limitat tal-Hellenic Register of Shipping li ngħata permezz tad-Deċiżjoni 2001/890/KE huma estiżi għar-Repubblika ta' Malta.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmula fi Brussell, nhar it-22 ta' Mejju 2006.

Għall-Kummissjoni
Jacques BARROT
Viċi President